**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 2 ta' April 2002**

**Numru 17**

**Avviz numru 184/02**

**Untours Insurance Agents Ltd ghal Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta' Union Press Company Ltd u l-istess Union Press Company Ltd**

**vs**

**Rita Abdilla**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm295.84 (mitejn u hamsa u disghin lira Maltin u erba u tmenin centezmu) rappresentanti danni kagunati f'kollizjoni. Il-konvenuta kienet responsabbli ghall-incident stradali li sehh f'Hal Luqa fit-25 ta' Jannar 2000 bejn Maruti Nru AAF 764 misjuqa minn Raymond Sammut (propjeta tal-Union Press Co Ltd u assikurata

mal-Untours Insurance Agents Ltd noe) u VW Polo Nru LCB 559 misjuqa mill-konvenuta liema incident sehh minhabba mprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenuta.

Il-konvenuta tigi kundanatta thallas id-danni kagunati lill-atturi – Lm25 fil-kaz ta' Union Press Co Ltd u Lm270.84c fil-kaz ta' Untours Insurance Agents Ltd.

Bl-ispejjes ta' l-avviz tat-talba u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjes tal-ittra ufficjali ai termini tal-Kap 104.

Ra li l-konvenuta baqghet ma ipprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Ra n-nota ta' Anthony Amaira kkonfermata bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenuta unikament responabbli ghall-incident de quo, jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm295.84 (mitejn u

hamsa u disghin lira maltin u erba u tmenin centezmu) rapprezentanti danni kagunati f'kollizzjoni.

Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**